# FIL- PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta’ Marzu 2024**

**Fl-atti rikors ġuramentat numru 914/2022 fl-ismijiet:**

**Joseph Muscat**
**Vs.**
**Francis Muscat et**

**Wara l-mandat ta’ sekwestru numru 2300/2023,**

**Rikors (numru 1464/2023) ta’ Francis Muscat KI333975M, Carmel Muscat KI439378M u Jonathan Muscat KI 24881M**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors fejn Francis Muscat et talba lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta’ sekwestru infraskritt ai termini tal-artikolu 846(1)(ċ)(d)(f) tal-Kap 12 kif ukoll biex din il-Qorti timponi penali fuq Joseph Muscat fis-sensi tal-artikolu 836(8)(b)(ċ)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li saħqu li, in suċċint, dan il-mandat ta’ sekwestru ma kienx raġonevoli li jitħalla fis-seħħ, ma kienx iżjed meħtieġ kif ukoll għaliex prima faciae ma kienx ġustifikat għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Ġie maħruġ biex jeżerċita pressjoni indebita fuqhom (arm twisting);
(b) Inħareġ biex jissalvagwardja pretensjoni mhux pekunjarja. It-talbiet kienu marbuta ma tħassir u rexissjoni ta’ kuntratt ta’ donazzjoni u

mhux ma talbiet pekunjarji. Il-mandat ta' sekwestru ġie marbut mal-kawżali tal-kawża.

(c) Ma kienx raġonevoli li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ in kwantu ma kienx prima faciae ġustifikat in kwantu l-valur tad-donazzjoni seba' snin ilu kienet għal valur komplessiv ta' tliet mitt elf euro (€300,000) fl-intier tagħha u li minnhom sehem Joseph Muscat kien in-nofs.

(d) Kien hemm garanziji suffiċjenti sabiex il-pretensjonijiet ta' Joseph Muscat jiġu mħarsa konsistenti fil-korp ta' appartamenti u garaxxijiet li nbnew fuq l-area tal-art donata u li tagħhom l-aħwa Muscat għadhom proprjetarji.

(e) F'dan il-każ kien hemm lok għall-imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(b)(ċ)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu dawn il-proċeduri mibdija minn Joseph Muscat kienu biss ħela ta' ħin ġudizzjarju, Joseph Muscat naqas milli jinterpella lir-rikorrenti biex jipprovdu sigurtà biżżejjed; ir-rikorrenti kienu likwidi biżżejjed u allura ma kienx hemm lok għal ħruġ ta' dan il-mandat; il-pretensjonijiet ta' Joseph Muscat ma kienux tali li setgħu jiġu kawtelati b'mandat ta' sekwestru.

Rat ir-risposta ta' Joseph Muscat li in suċċint saħaq li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti jiġġustifikaw ir-raġunijiet li fuqhom sejsu t-talba għat-tħassir tal-mandat. Huwa spjega li l-meritu tal-pretensjoni tiegħu titnissel mill-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jaderixxi mat-termini tal-kuntratt ta' donazzjoni biex b'hekk illum il-ġurnata r-rikorrenti kkonvertew il-proprjeta donata lilhom f'kumpless edilizju li jġib valur fis-suq miftuħ ta' madwar tliet miljun euro. Igħid li huwa jinsab f'qagħda medika mwegħra u għandu bżonn il-flus biex jikkura lilu nnifsu. Ir-rikorrenti setgħu jgħinuh mingħajr xkiel iżda naqsu jagħmlu dan. Il-bażi tat-talba tiegħu hija dik naxxenti mill-artikolu 1791(2) tal-Kodiċi Ċivili fejn allura d-donatarju għandu jrodd lura lid-donatur il-valur tal-ħwejjeġ trasferiti skont il-valur tagħhom fiż-żmien tat-talba flimkien mal-frottijiet minn dakinhar ta' dik it-talba nonche li jħallas il-ħsara li jbagħti d-donatur minħabba l-ipoteki jew piżijiet oħra li għalihom ikunu ġew soġġetti l-beni li ma ġewx trasferiti. Biex mandat kawtelatorju jiġi revokat, ir-rikorrent ried jipprova li jkun sar xi bdil fiċ-ċirkostanzi – ħaġa li ma ġratx f'dan il-każ. B'hekk it-talba għal mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' miljun u nofs euro kienet intiża li tissalvagwardja l-pretensjoni tiegħu ta' nofs indiviż tad-donazzjoni imsemmija. Il-bżonn tiegħu għal kura u manteniment kien wieħed reali u kien jeħtieġ aċċess dirett għal fondi likwidi. Dan il-mandat laħaq l-iskop tiegħu in kwantu ġew depożitati xi flejjes fir-Reġistru tal-Qorti li però għadhom il-bogħod minn dak pretiż minnu. Ir-rikorrenti ma provdew evidenza ta' ebda garanzija effettiva in kwantu ma semmewx xi djun hemm inkombenti. Kwantu għat-talba għall-ħlas tal-penali jgħid li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kienet

ġustifikata u mhux in mala fede. L-elementi rikjesti mill-Liġi għall-imposizzjoni tal-penali kienu nieqsa. It-talba tiegħu kienet imsejsa fuq l-ingratitudni li r-rikorrenti wrew lejn missierhom li ddonalhom ħwejġu u issa li għandu l-bżonn ma jridux jgħinuh.

**Ikkunsidrat**

1. Joseph Muscat talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2300/2023 għall-ammont ta' miljun u nofs euro (€1,500,000) "sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet kif dedotti fit-talbiet fir-rikors ġuramentat ippreżentat nhar is-7 t'Ottubru 2022".

2. Skont l-istess rikorrenti, it-talbiet tiegħu f'dak ir-rikors huma msejsa fuq il-premessa naxxenti mill-artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili, fejn allura l-argument sollevat minnu huwa dak li d-donazzjoni magħmula minnu lil uliedu rikorrenti kellha tiġi mħasra minħabba li dawn urew ingratitudni lejh minħabba li "fil-każ li d-donatur ikun fi bżonn urġenti ta' manteniment jew ta' għajnuna personali oħra, id-donatarju jiċħadlu dik l-għajnuna li mingħajr xkiel kbir għalih innifsu seta' jagħtih".

3. Fil-fatt it-talbiet ta' Joseph Muscat fir-rikors ġuramentat tiegħu huma s-segwenti:

   i. Tiddikjara u tiddeċiedi għar-raġunijiet fuq esposti li dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat, il-konvenuti aħwa Muscat ma wettqux u mhux qegħdin iwettqu l-obbligu tagħhom ta' ulied u donatarji kif tirrikjedi l-liġi;
   ii. Konsegwentement tħassar, tirrexxindi u tannulla l-kuntratt ta' donazzjoni datat tnejn u għoxrin (22) ta' Frar elfejn u sittax (2016), fl-atti tan-Nutar Dottoressa Maronia Fenech fir-rigward tal-konvenuti;
   iii. Tappunta Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;
   iv. Tagħti dawk il-provvedimenti relattivi u opportuni li l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni fi ċirkostanzi

   Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti inkluż dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 62/2022 u 3569/2022 li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

4. Skont l-artikolu 845 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-artikolu 375 tal-istess Kap huwa applikabbli. L-artikolu 375 jgħid li meta kreditur bis-saħħa ta' sentenza jew titolu esekuttiv ieħor, sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu, ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur

tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.

5. F'dan il-każ, il-mandat huwa wieħed kawtelatorju. Iżda r-ratio tal-mandat jibqa' wieħed, ossija dak li l-kreditur jikkawtela l-ħlas tal-kreditu tiegħu, ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.

6. F'dan il-każ, kif sewwa jargumentaw ir-rikorrenti, il-pretensjoni ta' Joseph Muscat fil-mandat ta' sekwestru hija marbuta mat-talbiet tiegħu fir-rikors promotur. It-talbiet ma humiex għal ħlas ta' kreditu iżda għal rexissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni minħabba raġunijiet miġjuba minnu. Ma hemm ebda talba fir-rikors ġuramentat li tista' titqies waħda kreditizja fis-sens li trid il-Liġi li fuqha huwa msejjes il-mandat ta' sekwestru.

7. Għalkemm huwa possibbli għar-rikorrent li jikkawtela pretensjonijiet tiegħu skont il-Liġi, ma jfissirx li jista' jirrikorri għal kwalunkwe mandat kawtelatorju li jidhirlu. Jista' jirrikorri għal dak il-mandat kawtelatorju li jista', fiċ-ċirkostanzi, jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu skont kif marbuta mat-talbiet li huwa jkun qiegħed jagħmel.

8. F'dan is-sens allura l-ewwel talba tar-rikorrenti tistħoqq li tiġi milqugħa.

9. Illi kwantu għall-imposizzjoni tal-penali, il-Qorti tqis li din hija setgħa fakultattiva. Ma ntweriex sodisfaċentement li f'dan il-każ hemm l-estremi li jiġu imposti penali.

**KONKLUŻJONI**

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 2300/2023 maħruġ fl-14 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet premessi u dan in bażi għal dak dispost fl-artikoli 836(1)(ċ)(d)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tiċħad it-tieni talba in kwantu ma ssibx li r-rikorrenti wrew li din it-talba hija sorretta fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' Joseph Muscat.

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**